

32003R0668

L 96/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

12.4.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 668/2003
tal-11 ta' April 2003
li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni permanenti ta' additiv fl-għalf tal-bhejjem
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tikkonċerna l-addittivi fl-għalf tal-bhejjem ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1756/2002 ⁽²⁾, u b'mod partikolari b'L-Artikoli 3 u 9d tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 70/524/KEE titlob li l-ebda addittiv ma jitpoġġa fiċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba ma tingħatax awtorizzazzjoni mill-Komunità.
- (2) Awtorizzazzjoni permanenti għal addittiv awtorizzat diġa għall-użu fl-għalf tal-bhejjem tista' tingħata jekk il-kondizzjonijiet mniżżla fl-Artikolu 3a tad-Direttiva jkunu milħuqa.
- (3) Il-preparazzjoni ta' enżima mniżżla f'dan ir-Regolament kienet proviżorjament awtorizzata għall-ewwel darba bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1436/98/ ⁽³⁾ skond id-Direttiva tal-Kunsill 93/113/KE ⁽⁴⁾, wara opinjoni favorevoli mill-Kumitat Xjentifiku għan-Nutrizzjoni ta' l-Annimali (SCAN), b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-prodott. L-awtorizzazzjoni proviżorja ta' dan l-additiv ġiet estiża sat-30 ta' Ġunju 2004 ⁽⁵⁾ skond id-Direttiva 70/524/KEE.
- (4) Data ġdida ġiet sottomessa mill-kumpanija produttriċi favur applikazzjoni għal awtorizzazzjoni mingħajr żmien limitat għall-preparazzjoni ta' l-enżima kif imniżżel f'dan ir-Regolament.
- (5) Fl-4 ta' Diċembru 2002, SCAN tat opinjoni faverovoli fuq l-effikaċja tal-preparazzjoni ta' l-enżima taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness.

- (6) B'konsiderazzjoni ta' l-opinjoni ta' l-iSCAN, l-istima ta' l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni sottomessa fir-rigward tal-preparazzjoni ta' l-enżima, turi li l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE huma milħuqa. Dik il-preparazzjoni għandha għalhekk tiġi awtorizzata għal perijodu mingħajr limitu ta' żmien.
- (7) L-istima ta' l-applikazzjoni turi li għandhom ikunu meħtieġa ċertu proċeduri li jiproteġu l-ħaddiema mill-esposizzjoni ta' l-additiv imniżżel fl-Anness. Madankollu, din it-tip ta' protezzjoni għandha tkun assigurata bl-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ⁽⁶⁾.
- (8) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjoni li tagħmel parti mill-grupp "Enżimi" kif imniżżel fl-Anness hija awtorizzata għall-użu bħala additiv fl-għalf tal-bhejjem taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' April 2003.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 270, ta' l-14.12.1970, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 265, tat-3.10.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 191, tas-7.7.1998, p. 15.

⁽⁴⁾ ĠU L 334, tal-31.12.1993, p. 17.

⁽⁵⁾ L-aħħar estensjoni fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2200/2001 (ĠU L 299, tal-15.11.2001, p. 1).

⁽⁶⁾ ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.

L-ANNESS

Nru (jew Nru KE)	Additiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta' attivita/kg ta' għalf tal-bhejtem lest			
Enżimi								
1601	Endo-1,3(4)-beta-glucanase EC 3.2.1.6 Endo-1,4-beta-xylanase EC 3.2.1.8	Preparazzjoni ta' endo-1,3(4)-beta-glucanase u endo-1,4-beta-xylanase prodott bl- <i>Aspergillus niger</i> (NRRL 25541) li għandu attivita minima ta': endo-1,3 (4)-beta-glucanase 1 100 U ⁽¹⁾ /g endo-1,4-beta-xylanase 1 600 U ⁽²⁾ /g	Tiġieġ għas-simna	-	endo-1,3(4)-beta-glucanase: 138 U endo-1,4-beta-xylanase: 200 U	-	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u t-taħlit ta' qabel, indika it-temperatura tal-ħażna, it-tul ta' żmien kemm jistgħu idumu maħżuna, u l-istabilita għat-tgerbib f'boċċi żgħar. 2. Doża rakkomandata għal kull kilogramm ta' għalf tal-bhejtem lest: endo-1,3(4)-beta-glucanase: 138 U endo-1,4-beta-xylanase: 200 U. 3. Għall-użu f'għalf kompost għani fil-polisakkaridi mingħajr lamtu (prinċipalment arabi-noxylans u beta-glucans), per eżempju dieta varjata li jkun fiha ċ-ċereali (eż. xgħir, qamħ, rye, <i>triticale</i>)	Mingħajr limitu ta' żmien

⁽¹⁾ 1 U huwa l-ammont ta' enżima li jllibera micromole 1 ta' tnaqqis ta' zokkor (ekwivalenti għal glukosju) kull minuta mill-beta-glucan tal-ħafur b'pH 4,0 u 30 °C.

⁽²⁾ 1 U huwa l-ammont ta' enżima li jllibera micromole 1 ta' tnaqqis ta' zokkor (ekwivalenti għal xylose) kull minuta mill-xylose tal-ħafur b'pH 4,0 u 30 °C.